# Kwadru ta' l-Assunta
## fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu



kitba ta' Mario Fenech

Huma ħafna dawk il-lokalitajiet f'Malta u Għawdex fejn insibu li fihom għal xi żmien kienu nbnew numru ta' kappelli żgħar biswit xulxin biex imbagħad mal-milja tas-snin dawn il-kappelli jispiċċaw biex jagħmlu l-wisa' għall-knisja waħda ta' daqs kbir b'għadd ta' artali fiha fejn fuqhom jitqiegħdu kwadri bix-xbiehat ta' dawk il-qaddiisn li għalihom kienu ddedikati dawn il-kappelli żgħar.

Insibu wkoll numru ta' knejjes oħrajn li fuq xi wieħed mill-artali jkun hemm kwadru li fih ikunu jidhru aktar minn qaddis wieħed. Dan ikun għaliex fl-inħawi jkun hemm kappelli żgħar li meta spiċċaw għal kollox it-titulari tagħhom jiġu miġbura f'tila waħda.



Hemm każijiet oħrajn fejn il-kwadru stess li jkun fil-kappella jittieħed fil-knisja l-ġdida bħalma fil-każ tal-kwadru ta' l-Assunta tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz tal-Birgu. Dan qabel kien f'kappella żgħira jew aħjar Oratorju biswit il-knisja, li kien tneħħa fis-sena 1877 biex minflokU mbniet l-Awla Kapitulari.

Il-kwadru huwa wieħed sabiħ ħafna, b'kuluri mirquma b'mod studjat, u b'moviment iddettaljat sa l-iċken dettall. Għalkemm fil-parti ta' isfel tat-tila fuq in-naħa tax-xellug naraw id-data 1667 ma nafux liema artist għamlu jew mil-liema skola kien ħareġ. Iż-żmien li fih kien sar dan ix-xogħol kien l-istess żmien meta f'Malta kien hawn fl-aqwa tiegħu l-artist Mattia Preti, għaldaqstant ngħidu li min għamel dan ix-xogħol kien magħruf sew f'dan il-qasam.

Jista' jkun il-każ ukoll li dan ix-xogħol kien inġieb minn barra minn Malta permezz ta' bastiment, lest bħal uħud mill-opri sbieħ li hemm f'din il-Kolleġġjata minħabba l-fatt li l-Birgu kien lokal b'rabtiet Marittimi.

B'argument ieħor bil-mod li bih huwa ppreżentat il-kwadru, nistgħu ngħidu li dan sar f'Malta għall-fatt li madwar il-qabar tal-Madonna fejn is-soltu naraw miġburin l-appostli, hawnhekk l-artisti inkluda lil San Pawl ma' San Pietru bis-simboli tagħhom ix-xabla u l-imfietaħ taħt riġlejhom, bħala figuri sħaħ fil-parti ta' isfel tal-kwadru u fin-nofs lil Santu Rokku bil-bastun tradizzjonali tiegħu. Fil-Birgu kien hemm kappella żgħira ta' dan il-qaddis u kien hemm żmien ukoll meta kienet issir il-purċissjoni fil-festa tiegħu. Jista' jkun li dan il-qaddis ġie inkluż fit-tila wara xi wegħda li tkun saret minn xi ħadd wara l-ħelsien mill-marda tal-pesta, ħaġa komuni dak iż-żmien f'Malta.

Il-figuri ta' San Pawl u San Pietru fl-opinjoni tiegħi huwa evidenza qawwija biżżejjed biex wieħed jersaq għall-konklużjoni li dan ix-xogħol huwa wieħed lokali, peress li fl-istess żmien tad-data tal-kwadru l-festa ta' dawn il-qaddisin, l-Imnarja, kienet diġà waħda popolari ħafna fost il-Maltin.

Hemm ukoll xebħ fil-figura ta' l-Assunta ma' kwadri oħra ta' dan is-suġġett li nsibuhom fil-knejjes tagħna, figura sabiħa ħafna, b'ħarsa qaddisa u ta' Glorja. Figura merfugħa 'l fuq minn numru ta' anġli mtajrin biex jagħtu l-impressjoni li din hija xena tal-Glorifikazzjoni ta' l-Unika Assunta, **Marija, Omm il-Maltin kollha**.

**Viva Santa Marija.**

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**